TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU 1219.

Kaz Nru 1467

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Raphael Vella
u
Velga Bros. Ltd

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

~~18~~ 25 ta' Settembru, 2001.

Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., I.P.D. (UK)

INTRODUZZJONI

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 17 ta' Awissu, 2000 Ref. MSP/TI/59/2000, biex tigi processata skond il-Provvedimenti ta' l-Artiklu 28 (2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-Sur Rapheal Vella, li minn issa jidher bhala l-appellant kien assistit mill-avukat Gianfranco Gauci u ghall-Kumpanija Velga Bros. Ltd. deheru Vincent Vella u Ms Victoria Vella assistiti mill-avukat Franco Vassallo.

DIKJARAZZJONIJIET TAL-KAZ

L-Appellant beda jahdem mas-socjeta Velga Bros Ltd. fl'1 ta' Jannar 1999 bhala 'petrol attendant'. Fil-waqt li l-appellant kien impjegat mal-Kumpanija imsemmija, huwa wkoll azzjonista fl'istess Kumpanija flimkien ma hutu ohra.

L'appellant jghid li l'impieg tieghu gie terminat fit-8 ta' Mejju 2000, wara li kien assenti minn fuq il-post tax-xoghol ghal ragunijiet ta' mard. Huwa jkompli jghid, li kien avza b'dan lis-socjeta appellata billi cempel u kellem lil wiehed minn hutu d-diretturi, u li dan ma ghamel l-ebda oggezzjoni. l-Appellant ikompli jghid, li ghaldaqstant la tkecca ghal ragunijiet ta' dixxiplina u lanqas seta' jitkecca ghal ragunijiet ta' dixxiplina ladarba kien assenti ghal ragunijiet validi fil-ligi.

Fl-Istqarrija tal-Kaz tieghu l-Appellant ikompli jghid, li ghall-istess ragunijiet medici ma marx ghax-xoghol l-ghada it-Tlieta u l-granet ta' wara l-Erbgha u l-Hamis, izda kien ippreparat li jmur ghax-xoghol normali l-Gimgha. Izda, il-Hamis fil-ghaxija ircieva telefonata minghand huh Raymond Vella, direttur iehor tas-socjeta appellata u gie mwiddeb biex ma jergghax imur lura ghax-xoghol.

L-appellant ikompli jghid, li ghaldaqstant kien tkecca mix-xoghol ghal-ragunijiet ta' dixxiplina u kellu jappella quddiem l-Awtorita Nazzjonali tax-Xoghol sabiex ikun jista' jirregistra ghax-xoghol. Huwa qal ukoll, li quddiem l-Awtorita' Nazzjonali tax-Xoghol deher id-Direttur Vincent Vella li kien assistit minn Dottor Franco Vassallo u ddikjara li l-Appellant kien tkecca, ghaliex fiz-zmien li huwa kien assenti minn fuq il-post tax-xoghol ghal ragunijiet ta' sahha, kien gie prezentat rikors il-Qorti kontra s-socjeta appellata f'isem l-appellant. Ghaldaqstant, l-appellant isottometta li t-tkeccija tieghu minn fuq il-post tax-xoghol kienet biss azzjoni vendikattiva fil-konfront tieghu.

Is-Socjeta ntimata da parti taghha qalet, li l-Appellant ghalkemm azzjonist fil-Kumpanija izda mhuwiex direttur. Fl'istqarrija tal-kaz il-Kumpanija tkompli tghid, illi kmieni din is-sena d-diretturi tal-Kumpanija lahqu ftehim ma terzi sabiex ibieghu l-pompa tal-fuel ghal somma konsiderevoli u ghal dan l-istess appellant kien prezenti ankie ghat-trattivi nizjali minkejja li ma kienx direttur. Is-socjeta tkompli tghid, li b'sorpriza ghad-diretturi, l-appellant beda jtenni ma diversi persuni, li hutu d-diretturi

kienu se jiffrodawh fil-bejgh billi jahbu r-rikavat tal-bejgh u appena bdiet toqrob il-gurnata tal-bejgh l-appellant talab li johrog bis-sick leave u ma dahalx ghax-xoghol. Izda s-socjeta' kompliet tghid li l-Appellant mhux talli ma kienx marid imma mar il-Qorti u fetah kawza kontra l-Kumpanija sabiex iwaqqaf u jisfratta l-bejgh tal-pompa tal-fuel. Il-Kumpanija tkompli tghid, li bil-gurament il-Qorti l-appellant allega, li hutu d-diretturi kienu se misapproprejaw ir-rikavat tal-bejgh u kienu se jiddikjaraw prezz baxx.

Fl-istqarrija tal-kaz taghha is-socjeta kompliet tghid, li b'hekk il-pozizzjoni ta' l-impjegat saret insostenibbli stante li naqset dik il-fiducja li ghandha tezisti bejn impjegat u direttur specjalment meta dawn ikunu ahwa. Il-Kumpanija tkompli tghid, li wara li tkecca l-appellant fetah zewg kawzi ohra sabiex jisfratta l-bejgh fejn saru allegazzjonijiet serji fuq il-gestjoni tal-Kumpanija, pero dawn gew michuda bl-izpejjes kontrih.

Is-socjeta temmet l-istqarrija tal-kaz taghha billi qalet, li dawn il-proceduri huma parti minn sensiela ta' azzjonijiet li l-appellant qed jipprezenta minghajr bazi legali, kif ikkonfermat il-Qorti u in vista tac-cirkostanzi it-tkeccija kienet gusta.

PROVI

Quddiem it-Tribunal Industrijali gie stabilit, li l-Appellant kien azzjonist fil-Kumpanija Velga Bros. Ltd., kif ukoll kien impjegat ta' l-istess socjeta fil-grad ta' "petrol attendant". Gie stabilit ukoll, li ir-raguni li waslet ghat-terminazzjoni ta' l-impieg kienet dik, li l-Appellant fil-waqt li kien irraporta marid huwa mar il-Qorti biex jiftah kawza sabiex jinzamm il-bejgh tal-pompa tal-fuel. Ma dan, id-diretturi hassewhom malafamati ghall-ragunijiet li l-appellant beda jghid li l-pompa tal-fuel kienet se tinbieh aktar min dak il-prezz li kien gie dikjarat. Mill-provi gie stabilit ukoll li t-tkeccija mill-impieg ta' l-appellant saret permezz tat-telephone.

Matul is-seduti, it-Tribunal Industrijali ezamina diversi xhieda u dokumenti esebiti. Min dan gie stabilit, li l-kwistjonijiet ezistenti huma varji u bazikament jikkonsistu f'zewg kwistjonijet li huma; dik ta' relazzjoni ta' bejn azzjonisti li hemm kwistjoni bejniethom dwar il-prezz tal-bejgh tal-pompa tal-fuel. Il-Kwistjoni l-ohra hija dik tax-

xoghol li tikkonsisti, li l-appellant gie tterminat l-impieg tieghu ghar-raguni li waqt li kien irraporta marid mar il-qorti u fetah kwaza biex jinzamm il-bejh tal-pompa tal-fuel.

Matul is-seduti tat-Tribunal Industrijali, gie konfermat mit-tabib rikorrenti ta' l-Appellant li huwa veru kien marid u kien mistenni li jkun rikoverat id-dar, izda l-appellant hareg mid-dar biex mar il-Qorti sabiex jiftah kawza biex jinzamm il-bejgh tal-pompa tal-fuel. Quddiem it-Tribunal Industrijali gie stabilit ukoll, li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant saret permezz tat-telephone.

KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal Industrijali josserva, li dwar l-ewwel kwistjoni fejn l-appellant qed jallega li l-pompa tal-fuel inbieghet bi prezz ghola minn dak li gie ddikjarat, din hija kwistjoni ta' bejn l-azzjonisti, u ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali hu tal-fehma, li dan mhux kompitu tieghu li jidhol f'din il-kwistjoni ghar-raguni li ma tippartjanix ir-relazzjoni ta' bejn haddiem u min ihaddem.

Rigward il-Kwistjoni l-ohra, fejn il-Kumpanija itterminat l-impieg ta' l-appellant ghar-raguni li qalet, li l-appellant ma kienx marid tant li seta' johrog mid-dar u jmur il-qorti biex jiftah kawza sabiex ma jsirx il-bejh tal-kumpanija, it-Tribunal Industrijali jistabilixxi mix-xhieda tat-tabib, li l-appellant verament kien marid u ghaldaqstant ma jistax jigi meqjus li abbuza mis-sick leave.

Rigward li l-appellant hareg mid-dar biex mar il-qorti waqt li kien marid, it-Tribunal Industrijali iqies li dan kien nuqqas serju minn naha ta' l-appellant li ma baqax rikoverat id-dar.

Izda, t-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet jiehu kunsiderazzjonijiet ohra ta' dan il-kaz fosthom, li dan kien l-ewwel kaz ta' dixxiplina ta' l-appellant matul il-hajja ta' l-impieg tieghu, fejn qabel dan il-kaz qatt ma kellu kazijiet ohra ta' dixxiplina. It-Tribunal Industrijali jiehu ukoll inkonsidrazzjoni li l-Kumpanija naqset bil-mod kif itterminant l-impieg ta' l-appellant, li dan sar minn fuq it-telephone u minghajr ma inghata l-opportunita adekwata biex jiddefendi l-kaz tieghu.

DECIZJONI

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-iStatements of Case tal-partijiet, kif ukoll ra u ezamina d-dokumenti esebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotta, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz dejjem fid-dawl tal-konsierazzjonijiet tieghu citati hawn fuq, it-Tribunal Industrijali hu tal-fehema li d-decizjoni ta' tkeccija mill-impieg kienet wahda estrema u ghaldaqstant, fil-waqt li t-Tribunal Industrijali jiddeciedi li l-appellant m'ghandux jinghata l-impieg lura, huwa ghandu jigi moghti kumpenss ta' Lm 850 (tmien mija u hamsin lira maltija) liema somma ghandha tithallas mill-Kumpanija lill-appellant sal-5 ta' Ottubru 2001.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz legali Numru 48 tal-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Harold Walls
Chairman

Vince Micallef
Segretarju